# 25. Mariella

Mariella ċkejkna, hekk kif ommok saret
taf l' inti tnissilt f'ġufha, ġenn qabadha;
marret għand it-tabib, ħadet il-pilloli
biex teħles minnek,

Iżda inti bqajt imqabbda fl-għeruq tajjeb;
ommok allura, la ma ħelsitx minnek
riedet teħles mill-għajb li bi twelidek
kont se ġġib fuqha;

Telqet mid-dar qalb ix-xegħir ta' ommha
u r-rabja ta' missierha, u 'l bogħod marret,
u qagħdet hemm tliet xhur kollha moħbija
sakemm twelidt.

Fil-magħmudija tiegħek l-ebda ferħa!
il-libsa li libbsuk kienet mislufa,
parrini s-sagristan u mara xwejħa
li kienet titlob.

Mill-knisja lilek ħadu f'istitut;
ommok ma ratekx iżjed, anzi kitbet
li trid jeħdok xi ħadd ġewwa d-dar tiegħu
u jagħmlek bintu.

'Mma wara dil-burraxxka ftit tal-bnazzi:
tnejn minn nies twajba ħadu lilek f'darhom
u għamluk binthom, libbsuk ilbies sbejjaħ
u jħobbuk ħafna.

U int, Mariella, kollok daħkanija,
tikber kull jum, tisbieħ qisha l-burraxka
m'għamlitlek xejn, daqs kieku prinċipessa
inti twelidt!

Mariella ċkejkna, la taħsibx li slaleb
għalik ma fadlilhiex id-dinja kiefra;
il-ħajja slaleb għandha aktar mill-mewt
fiċ-ċimiterju!

Għad jiġi jum li t-tfal sħabek jgħidulek
li dawk illi rabbewk ġewwa d-dar tagħhom
m'humiex missierek w ommok, għaliex ommok
lilek telqitek,

Missierek mhux magħruf; kollok imbikkma
int terġa' lejn id-dar u tmur tgħidilhom,
u f'qalbek tinbet xewqa li xi darba
tara lil ommok!

Mariella ċkejkna, kollok daħkanija,
kompli sfida lid-dinja tal-kefrija
b'dik it-tbissima, u tħalli qatt l-imħabba
titlaq minn qalbek!

*1.3.1968*
*Dil-poeżija tfisser dak li ħassejt meta diversi drabi waqt li kont naħdem ta' avukat jiena ġejt imqabbad mill-Qorti biex nara l-interessi ta' xi tifel jew tifla li kienu sejrin jiġu adottati u kont immur fid-dar tal-adottanti nkellimhom u anki nara lit-tarbija li kienet ser tiġi adottata.*